Ktibtilha li nħobbha fuq werqa tal-liedna niexfa; bgħat-hilha l-isbaħ ward tal-ġnejna tiegħi; ktibt, bid-demm tiegħi, kliem ta' mħabba fuq il-poëżiji ta' *Stecchetti* u bgħatthomlha. Hija qatt aktar ma tatni ħarsa oħra, qatt tbissima, qatt kelma. Iżda... kienet tħobbni, kont żgur li kienet tħobbni.

Darba waħda, ix-xwejħa ta' xagħarha lewn l-irmied lem-ħitni fit-tieqa, u, wara li tatni ħarsa mqarrsa, għalqet iż-żġieġ tat-tieqa bis-saħħa.

Bla ma ridt bdejt nobgħodha lil dik il-mara; bdejt nobgħodha b'kemm kelli saħħa, għaliex hija kienet is-sur mibni bejni u bejn ix-xebba li wisq ħabbejt.

Dak ix-xagħar irmiedi xtaqt li stajt inqattgħu, nirfsu taħt riġlejja... kont nobogħdu.

Waslet ix-xitwa! Ma' l-ewwel qtajriet tax-xita, waqgħu l-aħħar weraq tal-ġiżimina. Ħoġor it-tieqa tal-maħbuba tiegħi ma baqâx iħaddar.

Iż-żġieġ tat-tieqa ma tbexxaqx aktar; dik id-dar saret bħal qabar li laqa' fih l-imħabba ta' żgħożiti kollha.

Lix-xebba ma rajthiex iżjed. Ix-xagħar lewn id-deheb li kien bil-wisq ferraħni, ma lmaħtux aktar b'għajnejja.

Fejn kienet il-maħbuba tiegħi? Marret fil-bogħod tfittex li tinsieni għal dejjem? Kienet magħluqa f'kamritha minn dik ix-xwejha li kont nobgħod?

Dana l-ħsieb tefagħni f'diqa kbira, f'hemm qawwi li ma stajtx infieq minnu.

Wara xabar sħiħ imgħargħar fi ħsebijiet xejn ma jix-xiebhu, wara xahar sħiħ ta' taħbil-il-moħħ, qtajt li għandi immur nieħu l-aħbarijiet tax-xebba tal-ħolm tiegħi minn għand il-qaddejja tad-djar ta' biswiti.

—Xtaqt naf jekk fit-tieni ndana hemmx xi kmamar għal kiri!

—Fit-tieni, lê! Iż-żewġt ikmamar mikrija...

—Lil min?...

—Lil waħda armla li fix-xitwa ma toħroġx...

—U t-tifla tagħha? Jaqaw marida?

Il-qaddejja baqgħet tħares lejja b'ħalqha miftuħ.

—Is-sa' Klar ma għandhiex tfal...

—In-neputija, ridt ingħid, in-neputija... dik ix-xebba b'xagħarha safrani li tgħix magħha...

F'daqqa waħda l-qaddejja nfexxet f'daħka: Ah! Issa fhimt—qaltli—Dik ix-xebba, b'xuxitha lewn id-deheb? Dik hija s-sa' Klari! Ma hemmx ħliefha fit-tieni ndana! Biss... fid-dar tkun b'xagħarha rmiedi u barra b'xagħarha safrani...



Għall-bidu ma stajtx nifhem, iżda wara bqajt bħal mibluh, imnixxef fija n-nifsi.

Mill-ħolma tiegħi, mill-hena li bnejt bil-ħrara taż-żgħo-żija, ma kienx fadal ħlief *parrokka*, parrokka u ġrajja għal dawk kollha li jħobbu jgħaddu ljieli sħaħ fuq il-kotba, jit-għallmu s-sengħa li titchellem fuk moħħ il-bniedem.

Mill-ġrajja tiegħi dawn l-uħud jistgħu jitgħallmu kif qalb *waħda* tista' tħobb u tobgħod, b'saħħa ta' għoxrin sena, ħliqa *waħda* f'waqt *wieħed*.

Kalypso
**Ġino Muscat Azzopardi**
89, Strada Santa Lucia, Valletta.

# TIFKIRIET...

Xbihetek u kemm ktibtli xħitt fin-nar
hekk kif int rajthom darba marbutin;
ħassejt ftit għali, għax jatik imrar
ħsieb il-jiem ta' żgħożitek mitlufin.

Għidt f'qalbi: la li għadda għab u mar,
għalfejn dawn il-kitbiet hekk magħżużin?!
Oh! la li għadda għadda, wisq aħjar
nara da 't-tifkiriet hekk maħruqin!

Kemm kont immieri kieku xi ħadd qalli
li għad igħaddi wkoll dak iż-żmien ħieni,
li ma jħalli jgħaddi minngħajr urajh xejn xejn ma jħalli

ħlief qabda rmied, li għada sew kif jisbaħ
jirtema għax iħammeġ—hekk sewdieni!...
oh kemm tassew iż-żmien fuq kollox jirbaħ!

ç.m.b.